MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1077/2007

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Henry sive Harry u Maria Carmela sive Carmen
mizzewgin Montebello

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Illi in forza ta’ kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu in atti Nutar Dottor Antoine Agius datat fl-4 ta’ Dicembru 1998 (Dok “A”), l-intimati ddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ ghoxrin elf, disa’ mija u tmienja u disghin Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm20,998.67) flimkien ma’ l-imghax u spejjez relattivi oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta’ jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat l-4 ta’ Dicembru 1998 in atti Nutar Dottor Antoine Agius (Dok “A”) fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom, u ma pprezentawx risposta u ghalhekk baqghu kontumaci.

Xehdet Francesca Scerri, prokuratur legali mal-Bank of Valletta li qalet li wara li ghamlet il-verifiki necessarji sabet li l-intimati ma hallsu xejn mill-ammont kif indikat fir-rikors u ma thallas xejn mill-kuntratt ‘il hawn.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja tal-intimati, peress li t-talba tal-bank rikorrent tidher gustifikata l-Qorti qed tilqaghha u qed tawtorizza lill-istess bank rikorrent jezegwixxi l-kuntratt datat fl-4 ta’ Dicembru 1998 in atti Nutar Dottor Antoine Agius.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------